KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.2.2005
KUMM(2005) 56 finali

2005/0006 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistipula regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri u li jemenda l-Konvenzjoni ta' Schengen u l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn immaniġġjar integrat tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea* (COM (2002) 233, 7.5.2002) kienet tinkludi l-iżvilupp ta' l-acquis dwar it-"traffiku lokali bejn il-fruntieri", jiġifieri l-qsim frekwenti u regolari tal-fruntiera minn persuni li jgħixu fiż-żona tal-fruntiera ta' pajjiż ġar, fost il-materji li kien jeħtieġ li jiġu ndirizzati malajr sabiex jitlesta u jiġi ċċarat il-qafas legali tal-Komunità dwar il-fruntieri esterni. Tabilħaqq, bħalissa ma teżisti l-ebda dispożizzjoni speċifika tal-Komunità li tirregola l-kwistjoni tat-traffiku bejn il-fruntieri[1].

Il-*Pjan ta' l-immaniġġjar tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea* – approvat mill-Kunsill tal-JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 u sussegwentement maqbul mill-Kunsill Ewropew ta' Sivilja tal-21 u t-22 ta' Ġunju - kkonferma l-ħtieġa ta' l-adozzjoni ta' miżuri dwar it-traffiku lokali bejn il-fruntieri.

Barra minn dan, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa Usa'" (COM(2003) 104 finali, 11.3.2003), enfasizzat biċ-ċar illi kemm l-UE u l-ġirien tagħha għandhom interess komuni sabiex jiżguraw illi l-fruntiera esterna l-ġdida ma tkunx ostakolu għall-kummerċ, l-iskambju soċjali u kulturali, jew il-kooperazzjoni reġjonali.

Sabiex tirrispondi għat-talba tal-Kunsill, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti għal Regolamenti tal-Kunsill diġà f'Awissu 2003[2]. Iż-żewġ proposti kienu bbażati fuq l-Artikolu 62(2) tat-Trattat KE ("miżuri dwar il-qsim tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri"), u jkopru kemm "l-istandards u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-Istati Membri fl-ispezzjonijiet fuq il-persuni" (Artikolu 62(2)(a)) kif ukoll "il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi mill-Istati Membri (Artikolu 62(2)(b)(ii)), inkluż "ir-regoli dwar viża uniformi" (Artikolu 62(2)(b)(iv)).

Oriġinarjament, il-Kummissjoni kienet qieset illi jkun possibbli li l-proposti jkunu adottati qabel l-1 ta' Mejju 2004; madankollu, d-diskussjonijiet dwar dawn il-proposti fi ħdan il-Kunsill kienu diffiċli ħafna u għalhekk il-progress kien limitat ħafna.

Sa mill-1 ta' Mejju, 2004 għandhom jiġu adottati miżuri bbażati fuq l-Artikolu 62(2)(b)(ii) u fuq l-Artikolu 62(2)(b)(iv) mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skond il-proċedura tal-ko-deċiżjoni (Artikolu 67(4)). Il-miżuri bbażati fuq l-Artikolu 62(2)(a) għad iridu jiġu adottati unanimament mill-Kunsill wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

---

[1] Ċerti Stati Membri kkonkludew ftehim bilaterali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera mal-ġirien tagħhom. Għal idea ġenerali ta' tali ftehim, ara d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni *L-iżvilupp ta' l-acquis dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera,* SEC (2002) 947, tad-9.9.2002.

[2] COM(2003) 502 - 2003/0193 (CNS), dwar l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll ta' traffiku tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri, u COM(2003) 502 - 2003/0194(CNS), dwar l-istabbiliment ta' reġim ta' traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni temporanji ta' l-art bejn l-Istati Membri.

Peress illi ż-żewġ proċeduri huma inkompatibbli, skond il-każistika stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja[3], ma kienx għadu possibbli li jkun hemm, fl-istess proposta, dispożizzjonijiet marbuta ma' spezzjonijiet fil-fruntieri esterni u dispożizzjonijiet dwar it-twaqqif ta' viża speċifika li trid tinħareġ lir-residenti tal-fruntiera fuq il-bażi ta' traffiku lokali tal-fruntiera.

Din hija r-raġuni għaliex ġie deċiż li jiġu abbozzati żewġ proposti ġodda, jiġifieri:

1) l-ewwel proposta ta' Regolament tal-Kunsill, ibbażat fuq l-Artikolu 62(2)(a) (proċedura ta' konsultazzjoni), li jistipula regoli ġenerali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera, ħlief għad-dispożizzjonijet li jintroduċu il-viża speċifika;

2) it-tieni proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 62(2)(b)(ii) u (iv) (proċedura tal-ko-deċiżjoni) li tistabbilixxi viża speċifika tat-tip "L" li trid tinħareġ għall-iskopijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera.

Meta tkun qed tadotta l-proposti l-ġodda, il-Kummissjoni sejra fl-istess waqt tirtira dawk adottati fl-14.8.2003.

L-adozzjoni ta' dawn il-proposti ġodda mill-Kulleġġ kienet ippjanata f'Diċembru 2004.

Madanakollu, bħala konsegwenza ta' l-adozzjoni tal-"Programm ta' The Hague" mill-Kunsill Ewropew ta' l-4/5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill ħa d-deċiżjoni illi jestendi l-proċedura ta' ko-deċiżjoni għal ċerti oqsma koperti mit-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, inkluż il-miżuri marbuta mal-fruntieri esterni[4].

Konsegwentement, mill-1.1.2005 kemm il-fruntieri esterni kif ukoll l-aspetti marbuta mal-viża fl-istess waqt koperti miż-żewġ proposti dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera ser ikunu suġġetti għall-proċedura ta' ko-deċiżjoni.

Dan ifisser illi mhux ser ikun hemm bżonn aktar li jkun hemm żewġ proposti separati dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera (waħda dwar l-aspetti marbuta mal-fruntiera u t-tieni waħda dwar il-viża speċjali tat-tip "L") u li ż-żewġ proposti jistgħu jiġu magħquda f'waħda.

Din il-proposta ġdida "magħquda" ser tieħu post il-proposti ta' l-2003, li ser jiġu rtirati mill-Kummissjoni fl-istess waqt li tiġi adottata l-proposta attwali.

## 2. IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA

L-iskop tal-proposta ta' Regolament huwa li jistipula regoli komuni dwar il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' sistema ta' traffiku lokali fil-"fruntieri esterni ta' l-art" ta' l-Istati Membri, jiġifieri il-fruntieri komuni ta' l-art bejn:

---

[3] Ara, per eżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-11 ta' Ġunju, 1991 fil-każ C-300/89 (Kummissjoni v. Kunsill).

[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE tat-22 ta' Diċembru 2004, li tipprovdi li ċerti oqsma koperti mit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom jiġu regolati mill-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat (ĠU L396 tal-31.12. 2004, p. 45).

a) Stat Membru u pajjiż ġar terz (p. eż., il-fruntiera bejn il-Polonja u l-Ukranja jew bejn is-Slovenja u l-Kroazja);

b) Stat Membru li jimplementa bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen u Stat Membru marbut li japplika tali acqus bis-sħiħ iżda li fil-każ tiegħu għadha ma daħlitx fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizzah japplika għal kollox dak l-acquis (e.ż., il-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Ungerija);

c) żewġ Stati Membri marbuta li japplikaw l-acquis kollu ta' Schengen, iżda li fil-każ tagħhom ma tkunx għadha daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni li tawtorizzahom jimplementaw bis-sħiħ l-acquis (e.ż., il-fruntiera bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja).

Il-punti b) u c) huma konsegwenza ta' l-hekk imsejħa "proċedura ta' implementazzjoni fuq żewġ fażijiet" ta' l-acquis ta' Schengen, li bis-saħħa tiegħu l-Istati Membri l-ġodda japplikaw biss parti mill-acquis ta' Schengen ma' l-adeżjoni tagħhom (ara wkoll il-punt 5.2 hawn taħt). Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli fuq il-fruntieri esterni (li jridu jiġu applikati fil-fruntieri kollha, iżda, loġikament, ma jinkludix dawk marbuta mat-tneħħija tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni. Din hija r-raġuni għaliex ir-Regolament propost ikopri wkoll l-istabbiliment ta' sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera sabiex jiffaċilita l-qsim tal-"fruntieri esterni ta' l-arti temporanji" bejn l-Istati Membri.

Għandu jiġu nnutati madanakollu, illi l-iskop personali ta' l-abbozz tar-Regolament ikopri biss ċittadini ta' pajjiżi terzi (b'ċerti eċċezzjonijiet – ara taħt) residenti legalment fiż-żona tal-fruntiera ta' pajjiż terz għal mill-anqas sena ("residenti tal-fruntiera", kif spjegat fl-Artikolu 3(e)). Ċittadini ta' l-UE, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu d-dritt tal-Komunità għall-moviment ħieles (kif imfisser fl-Artikolu 3(d)), ġew esklużi espliċitament mill-ambitu minħabba li huma diġà jgawdu, taħt il-liġi tal-Komunità, drittijiet speċifiċi marbuta mal-moviment ħieles li ġeneralment, imorru lil hinn minn dak li huwa previst fil-proposta preżenti (per eżempju, f'dak li għandu x'jaqsam mal-limitu ta' żmien għal soġġorn jew kundizzjonijiet ta' dħul). Ir-regoli tal-Komunita dwar it-traffiku tal-fruntiera ma jistax, naturalment, jaffettwa tali drittijiet.

Madanakollu, fejn l-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntiera mogħti taħt sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera tmur lil hinn mid-dritt ta' moviment ħieles (per eżempju, bl-għoti tal-possibbiltà tal-qsim tal-fruntiera f'punti partikolari riservati għar-residenti, fejn hemm anqas kontroll sistematiku, jew barra l-punti ta' qsim awtorizzati, jew barra l-ħinjiet stabbiliti), tali faċilitar għandu jiġi awtomatikament estiż għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu d-dritt komunitarju tal-moviment ħieles li jkunu jgħixu fiż-żona tal-fruntiera (Artikolu 17(2)).

Apparti mill-metodi prattiċi ta' iffaċilitar tal-qsim tal-fruntiera disposti fl-Artikolu 17, l-abbozz tar-Regolament jiddefinixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi u d-dokumenti meħtieġa għall-qsim tal-fruntiera għall-iskop tat-traffiku lokali tal-fruntiera (Artikoli 4 u 5).

Barra minn dan, fir-rigward tar-residenti tal-fruntiera li huma suġġetti għall-obbligu tal-viża, qed tiddaħħal viża seċifika ("L", ta' "Lokali"). Il-viża tat-tip "L" ser tkun viża għal qsim tal-fruntiera kontinwu, għal mill-anqas sena u għal massimu ta' ħames

snin, u tintitola lid-detentur joqgħod fiż-żona tal-fruntiera ta' l-Istat Membru li joħroġ il-viża għal sebat ijiem konsekuttivi u mingħajr ma jaqbeż, fi kwalunkwe każ, it-tlett xhur f'perijodu ta' sitt xhur.

Il-proċeduri u l-kriterja li jridu jiġu segwiti għall-ħruġ ta' tali viżi għandhom ikunu, għall-Istati Membri li jimplementaw bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen, jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI)[5]. L-Istati Membri li ma jimplementawx bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen għandhom japplikaw - sakemm il-Kunsill ma jawtorizzahomx sabiex jimplementaw bis-sħiħ tali acquis – il-liġi nazzjonali, li għandha madankollu tkun kompatibbli mar-regoli stiupatli f'dan ir-Regolament.

Filwaqt illi dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema tal-Komunità dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera, u għalhekk jagħti lill-Komunità kompetenza esterna dwar din il-materja, ġie meqjus xieraq - wara li ġiet kkunsidrata n-natura speċifika tas-sistema tat-traffiku lokali tal-fruntiera, li jiddependi ħafna fuq kunsiderazzjonijiet ġeografiċi, soċjali, ekonomiċi u oħrajn - illi l-implementazzjoni ta' tali sistema tiġi delegata lill-Istati Membri permezz ta' ftehim bilaterali. Dan ir-Regolament għaldaqstant jawtorizza lill-Istati Membri sabiex jinnegozjaw bilateralment mal-ġirien tagħhom, skond il-każ, l-arranġamenti speċifiċi applikabbli għat-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri komuni ta' l-art, dejjem jekk tali arranġamenti jkunu konformi ma', u ma jaffettwawx, id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament (ara l-Artikolu 14).

Il-possibilità ta' sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera mal-pajjiżi terzi ġirien tfisser il-ħtieġa illi jiġi żgurat illi - mill-anqas - jingħata trattament ugwali minn tali pajjiżi terzi liċ-ċittadini ta' l-UE u lil ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fiż-żona tal-fruntiera ta' Stat Membru, li jkunu jixtiequ jaqsmu l-fruntiera ta' pajjiż terz ġar u jibqgħu fiż-żona tal-fruntiera tiegħu għall-iskopijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera (ara l-Artikolu 15).

L-Istati Membri jistgħu wkolll iżommu jew jikkonkludu ftehim bejniethom dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera, dejjem jekk dawn ikunu kompatibbli mar-Regolament preżenti (Artikolu 16). Huwa ovvju illi, la darba jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntiera fil-"fruntieri temporanji esterni", ma tibqa' l-ebda raġuni għal dawn il-ftehim.

## 3. GĦAŻLA TAL-BAŻI LEGALI

Xħin wieħed iqis il-kontenut tiegħu, ir-Regolament preżenti huwa bbażat kemm fuq l-Artikolu 62(2)(a) (regoli dwar l-"istandards u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-Istati Membri dwar l-ispezzjonijiet fuq il-persuna fil-fruntieri [*esterni*]) u fuq l-Artikolu 62(2)(b), punti (ii) u (iv), dwar, rispettivament, regoli dwar il-"proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi mill-Istati Membri" u dwar "viża uniformi".

Wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2005, id-deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE li tipprovdi għal ċerti materji koperti mit-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li jridu jiġu regolati mill-proċedura msemmija fl-

[5] ĠU L 313, 16.12.2002, p.1

Artikolu 251 ta’ dak it-Trattat, il-proposta attwali ser tkun suġġetta għall-proċedura tal-ko-deċiżjoni.

## 4. SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Id-disposizzjonijiet attwali tal-Komunità dwar il-qsim tal-fruntieri esterni ta’ l-Istati Membri, kif ukoll dawk dwar ir-regoli għall-ħruġ ta’ viża uniformi, huma parti mill-acquis ta' Schengen integrat fl-Unjoni Ewropea. Tali acquis jeħtieġ madanakollu, jiġi żviluppat u kompletat. L-iżvilupp ta’ l-acquis eżistenti dwar il-fruntieri esterni, minħabba raġunijiet ta’ daqs u effetti ta’ l-azzjoni, jista’ jinkiseb biss bl-adozzjoni ta’ miżuri tal-Komunità li jibnu fuqu. F’dak li għandu x’jaqsam mar-regoli dwar viża uniformi, inkluż il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali viża, il-kompetenza tal-Komunità hija esklużiva.

Madanakollu, fin-natura tagħha stess, sistema ta’ traffiku lokali tal-fruntiera tista' tiġi prattikata biss fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri konċernati, li allura huma awtorizzati jikkonkludu ftehim bilaterali mal-pajjiżi terzi ġirien tagħhom, jekk iqisu xieraq, sabiex jistabbilixxu sistema ta’ traffiku lokali tal-fruntiera, filwaqt li naturalment jirrispettaw u jaderixxu mal-kundizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti mil-liġi tal-Komunità.

L-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE jistipula illi “l-azzjoni tal-Komunità m’għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-miri ta' dan it-Trattat". Il-forma li trid tieħu l-azzjoni tal-Komunità għandha tippermetti lill-proposta tikseb l-iskop tagħha u tiġi implementata bl-iktar mod effiċjenti possibbli.

F'dan l-ispirtu, l-istrument legal magħżul sabiex jistabbilixxi regoli ġenerali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera huwa Regolament indirizzat lill-Istati Membri, li jistipula r-regoli li jridu jiġu segwiti mill-Istati Membri meta jistabbilixxu sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera mal-pajjiżi ġirien. Peress illi l-inizjattiva proposta qed tiżviluppa l-acquis ta' Schengen, intgħażlet il-forma ta' Regolament sabiex tiżgura l-applikazzjoni armonizzata fl-Istati Membri kollha li japplikaw l-acquis ta’ Schengen.

## 5. APPLIKAZZJONI TAL-PROPOSTA FID-DIVERSI STATI MEMBRI U PAJJIŻI TERZI ASSOĊJATI GĦALL-IŻVILUPP TA’ L-ACQUIS TA’ SCHENGEN

### 5.1 Konsegwenzi fir-rigward tad-diversi protokolli annessi mat-Trattati

Il-bażi legali għall-proposti dwar miżuri dwar il-qsim tal-fruntieri esterni ta’ l-Istati Membri, kif ukoll regoli dwar il-viża uniformi taqa’ taħt it-Titolu IV tat-Trattat KE u għalhekk timplika s-sitwazzjoni varjabbli kif stipulata mill-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka. Il-proposta preżenti qed tibni fuq l-acquis ta’ Schengen. F’dan ir-rigward, is-sitwazzjoni tan-Norveġja, l-Islanda u l-Iżvizzera, pajjiżi assoċjati ma’ l-iżvilupp ta’ tali acquis, għandha tittieħed ukoll f’kunsiderazzjoni. Għalhekk għandhom jiġu meqjusa l-konsegwenzi li ġejjin fir-rigward tad-diversi protokolli:

**Ir-Renju Unit u l-Irlanda**

Skond l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, "l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li mhumiex marbuta mill-acquis ta' Schengen, jistgħu fi kwalunkwe ħin jitolbu li jieħdu sehem sħiħ jew parzjali fid-disposizzjonijiet ta' l-acquis".

Din il-proposta hija żvilupp tad-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jieħdux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ud-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem parzjali fid-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen. Ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhumiex marbuta bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

**Id-Danimarka**

Bis-saħħa tal-Protokoll anness mat-Trattat ta' Amsterdam dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri skond it-Titolu IV tat-Trattat KE, ħlief għall-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni, jew miżuri marbuta ma' format uniformi għall-viżi" (li kien qabel l-Artikolu 100c tat-Trattat tal-KE).

Peress illi din il-proposta hija żvilupp ta' l-acquis ta' Schengen u wara l-Artikolu 5 tal-Protokoll, "id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien 6 xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda fuq proposta jew inizjattiva li tibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jekk tkunx ser timplementa tali deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha".

**In-Norveġja u l-Iżlanda**

Skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Schengen, ġie ffirmat ftehim fit-18 ta' Mejju 1999 bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-Islanda sabiex dawk iż-żewġ pajjiżi jiġu assoċjati ma' l-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen[6].

L-Artikolu 1 ta' dan il-ftehim jistipula li n-Norveġja u l-Islanda huma assoċjati ma' l-attivitajiet tal-KE u ta' l-UE fl-oqsma koperti mid-disposizzjonijiet imsemmija fl-Annessi A (dispożizzjonijiet dwar l-acquis ta' Schengen) u B (dispożizzjonijiet ta' atti tal-Komunità Ewropea, li ħadu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta', jew adottati bis-saħħa ta', il-Konvenzjoni ta' Schengen) tal-ftehim kif ukoll minn dawk li joħorġu minnhom.

Skond l-Artikolu 2 tal-ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' l-atti jew miżuri kollha meħuda mill-Unjoni Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq l-acquis integrat ta' Schengen (Annessi A, B) għandhom jiġu implementati u applikati min-Norveġja u mill-Islanda.

[6] ĠU L 176, 19.07.99, p. 35.

Il-proposta preżenti tibni fuq l-acquis ta’ Schengen kif imfisser fl-Anness A tal-ftehim.

Bħala konsegwenza ta’ dan għandha tiġi diskussa fil-“Kumitat Imħallat” kif stipulat fl-Artikolu 4 tal-Ftehim sabiex tingħata l-opportunità lin-Norveġja u lill-Islanda “jispjegaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom fir-rigward” tal-miżuri u “biex jesprimu ruħhom fuq xi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp ta’ disposizzjonijiet li jikkonċernawhom jew l-implementazzjoni tagħhom”.

**L-Isvizzera**

Fir-rigward ta’ l-Isvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen skond il-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet, ta' dak il-Ftehim.

Il-Ftehim ma’ l-Isvizzera, iffirmat fis-26.10.2004, jipprovdi għal applikazzjoni provviżorja ta’ ċerti dispożizzjonijiet mill-mument tal-firma, b’mod partikolari l-parteċipazzjoni ta’ l-Isvizzera fil-Kumitat Imħallat dwar l-iżvilupp ta’ l-acquis ta’ Schengen.

## 5.2 Konsegwenzi marbuta mal-proċedura ta’ implementazzjoni fuq żewġ stadji li tibni fuq l-acquis ta’ Schengen

L-Artikolu 3(1) ta’ l-Att ta’ Adeżjoni ta’ l-10 Stati Membri ġodda jistipula illi d-dispożizzjonijiet ta’ l-acquis ta’ Schengen, l-atti li jibnu fuqu jew li huma b’xi mod marbuta miegħu, elenkati fl-anness imsemmi f'dak l-Artikolu, għandhom ikunu jorbtu u applikabbli fl-Istati Membri ġodda sa mill-adeżjoni. Id-disposizzjonijiet u l-atti mhux imsemmija f’dak l-anness għandhom, filwaqt li jorbtu lill-Istati Membri ġodda sa mill-adeżjoni, jkunu applikabbli fl-Istati Membri ġodda wara deċiżjoni speċjali tal-Kunsill għal dak l-iskop, magħmula skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta’ Schengen dwar il-fruntieri esterni, huma jinsabu elenkati fl-anness u għalhekk jorbtu u huma applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda mid-data ta’ l-adeżjoni[7].

Id-disposizzjonijiet ta’ Schengen dwar il-viża uniformi mhumiex elenkati f’dak l-anness u għalhekk, filwaqt li jorbtu sa mill-adeżjoni, ser ikunu applikabbli fl-Istati Membri biss wara d-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fuq[8].

Għaldaqstant, il-proposta attwali hija biss applikabbli parzjalment għall-Istati Membri l-ġodda, b’mod partikolari:

---

7 Ħlief għall-Artikolu 5(1)(d) tal-Konvenzjoni ta’ Schengen marbuta mal-konsultazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen.

8 Ħlief għall-Annessi 1-3, 7, 8 u 15 ta’ l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni, li jorbtu u huma applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda sa mid-data ta’ l-adeżjoni tagħhom.

– Il-Kapitoli I, II, IV u V huma applikabbli bis-sħiħ għall-Istati Membri l-ġodda, ħlief għall-Artikoli 4(d) u 22;

– Il-Kapitoli III (dwar il-viża tat-tip "L") ser ikun applikabbli biss għall-Istati Membri l-ġodda mid-data li fiha l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni. Dan ifisser illi, sa dakinhar, l-Istati Membri l-ġodda ser joħorġu viżi nazzjonali lir-residenti tal-fruntiera għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera, skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom. Madanakollu, tali viżi ser jinħarġu fil-format uniformi (stiker tal-viża) stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1683/95 (kif emendat mir-Regolament Nru 334/2003), peress illi r-Regolament imsemmi huwa nkluż fl-anness imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni[9].

[9] F'dan ir-rigward, wieħed għandu jinnota li l-ittri li jindikaw it-tip ta' viża maħruġa ('A', 'B', 'C', 'D' u – wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti – 'L') mhumiex parti mill-format uniformi tal-viżi. L-użu ta' ittri differenti għad-diversi tipi ta' viża huwa stabbilit fl-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (parti VI, punt 1.7) u għaldaqstant mhuwiex applikabbli mill-Istati Membri ġodda qabel l-implementazzjoni sħiħa min-naħa tagħhom tax-Schengen. Madanakollu, bħal ma jagħmlu għat-tipi l-oħrajn ta' viża, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu diġà jużaw l-ittra "L" biex jindikaw viżi maħruġa għall-finijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali tagħhom.

2005/0006 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistipula regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri u li jemenda l-Konvenzjoni ta' Schengen u l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) u l-Artikolu 62(2)(b) (ii) u (iv) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[10],

Skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[11],

Billi:

(1) Il-ħtieġa li jiżviluppa regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera sabiex jikkonsolida l-qafas legali tal-Komunita dwar il-fruntieri esterni ġiet sottolinjata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Lejn immaniġġjar integrat tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea"*[12]. Din ġiet ikkonfermata mill-Kunsill fit-13 ta' Janar 2002, bl-approvazzjoni tal-"Pjan ta' għall-immaniġġjar tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea", sussegwentement appoġġjata mill-Kunsill Ewropew li nżamm f'Sivilja fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2002.

(2) Huwa fl-interess tal-Komunità mkabbra li tiżgura li l-fruntieri mal-ġirien tagħha ma jkunux ostakolu għall-iskambji kummerċjali, soċjali u kulturali jew għall-kooperazzjoni reġjonali. Għandha għalhekk tiġi kostantement żviluppata sistema għat-traffiku lokali tal-fruntiera.

(3) Il-Komunità għandha għalhekk tistipula regoli dwar il-kriterji u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu osservati meta jiġi faċilitat il-qsim tal-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri għar-residenti tal-fruntiera għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera. Tali regoli għandhom jiżguraw bilanċ bejn fuq naħa waħda l-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntiera għar-residenti *bona fide* li jkollhom raġunijiet leġittimi biex jaqsmu ta' spiss il-fruntiera esterna ta' l-Istati Membri u, fuq in-naħa l-oħra, il-ħtieġa li tiġi prevenuta l-immigrazzjoni illegali kif ukoll it-theddid potenzjali għas-sigurtà li joffru l-attivitajiet kriminali.

10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , p. .
12 COM (2002) 233 finali, 7.5.2002.

(4) Sabiex tindirizza s-sitwazzjoni ta' dawk ir-residenti tal-fruntiera li għandhom bżonn ta' viża skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk il-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dak ir-rekwiżit[13], għandha tiġi stabbilita viża speċifika għal soġġorn qasir fuq il-bażi tat-traffiku lokali tal-fruntiera.

(5) Il-Komunità għandha tistipula regoli dwar kriterji u kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħruġ ta' viżi lir-residenti tal-fruntiera għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera. Dawn il-kriterji u l-kundizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-kundizzjonijiet tad-dħul imposti fuq ir-residenti tal-fruntiera, li jaqsmu l-fruntiera għall-iskop tat-traffiku lokali tal-fruntiera.

(6) Minħabba l-mekkaniżmu ta' implementazzjoni fuq żewġ stadji ta' l-acquis ta' Schengen kif stipulat fl-Artikolu 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, l-Istati Membri l-ġodda huma marbuta jimplementaw is-sistema tal-fruntieri esterni fil-fruntier tagħhom, inkluż il-fruntieri ma' Stati Membri oħra, sakemm il-Kunsill jawtorizzahom pjenament sabiex japplikaw l-acquis ta' Schengen u allura jneħħu l-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ma Stati Membri oħrajn. L-istess raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħolqien ta' reġim ta' traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri ta' l-art bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jiġġustifikaw pjenament l-applikazzjoni ta' l-istess reġim għall-fruntieri komuni bejn l-Istati Membri sakemm jitneħħew il-kontrolli f'tali fruntieri.

(7) Id-drittijiet tal-moviment ħieles li jgawdu ċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom, kif ukoll ċittadini terzi u l-familji tagħhom li bis-saħħa ta' ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda u dawn il-pajjiżi, fuq in-naħa l-oħra, jgawdu drittijiet ta' moviment ħieles daqs dawk taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, m'għandhomx ikunu affettwati mit-twaqqif ta' regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-livell tal-Komunità. Madanakollu, meta l-faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntiera tingħata taħt sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera lil residenti tal-fruntiera tkun tfisser kontroll anqas sistematiku, tali faċilitazzjoni għandha awtomatikament tiġi estiża għal kemm iċ-ċittadini ta' l-Unjoni kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu d-dritt tal-moviment ħieles u li jgħixu fiż-żona tal-fruntiera.

(8) Għall-applikazzjoni tas-sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu jew jikkonkludu b'mod bilaterali, jekk ikun hemm bżonn, ftehim ma' pajjiżi terżi ġirien dejjem jekk jaderixxu mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinnegozjaw arranġamenti dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera bejniethom, fil-fruntieri ta' l-arti fejn tapplika s-sistema ta' Schengen, dejjem jekk jaderixxu mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament.

(9) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-arranġamenti speċifiċi applikati f'Ceuta u Melilla, kif imfissra fid-Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja dwar l-ibliet ta' Ceuta u Mellilla fl-Att Finali tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja mal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985[14].

---

[13] ĠU L 81, 21.3.2001, p.1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 453/2003 (ĠU L 69, 13.3.2003, p.10).

[14] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 69.

(10) Għandhom jiġu imposti multi skond kif stipulat fil-liġi nazzjonali, mill-Istati Membri fuq ir-residenti tal-fruntiera f'każ ta' użu ħażin tas-sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera kif stabbilita minn dan ir-Regolament.

(11) Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament akkumpanjat, skond il-każ, minn proposti leġislattivi.

(12) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fudamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(13) Peress illi l-miri ta' l-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri d-definizzjoni tar-regoli dwar il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri, jaffettwaw direttament l-acquis tal-Komunità dwar il-fruntieri esterni u ma jistgħux għaldaqstant jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, u jistgħu għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imfisser fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

(14) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhix marbuta jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress illi dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropew, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament jekk hix ser timplementah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(15) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen skond it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen[15], li huma fl-ambitu tal-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(B) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim[16].

(16) Dan ir-Regolament huwa żilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[17]. Għaldaqstant, ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu, u mhux marbut bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu..

---

[15] GU L 176, 10.7.1999, p.36

[16] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

[17] ĠU L 131, 1.6.2000, p.43.

(17) Dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih ma tipparteċipax l-Irlanda, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda li tieħu sehem f'ċerti dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[18]. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhux marbuta bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

(18) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen skond il-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet, ta' dak il-Ftehim[19].

(19) L-Artikoli 4(d) u 22, kif ukoll il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-acquis ta' Schengen jew marbuta b'xi mod ieħor miegħu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I
# Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*
*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni ta' l-art ta' l-Istati Membri u jintroduċi, għal dak il-għan, viża speċifika ("L"), li trid tinħareġ lir-residenti tal-fruntiera soġġett għall-obbligu tal-viża skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001.

2. Dan ir-Regolament jawtorzza lill-Istati Membri sabiex jikkonkludu jew iżommu ftehim bilaterali ma' pajjiżi terzi għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tas-sistema ta' traffiku lokali stabbilita hawnhekk.

*Artikolu 2*
*Ambitu*

1. Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità u dik nazzjonali applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar:

   (a) soġġorni fit-tul;

   (b) aċċess għal u eżerċizzju ta' attività ekonomika;

[18] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
[19] ĠU L 370, 17.12.2004, p.78

(c) materji ta' dwana u taxxa.

*Artikolu 3*
*Tifsir*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandu japplika dan it-tifsir li ġej:

(a) "fruntiera esterna ta' l-art" tfisser:

(i) fruntiera komuni ta' l-art bejn Stat Membru u pajjiż terz li jmiss miegħu;

(ii) il-fruntiera komuni ta' l-art bejn Stat Membru li jimplimenta fl-intier tiegħu l-acquis ta' Schengen u Stat Membru marbut li japplika fl-intier tiegħu tali acquis, skond l-Att ta' l-Adeżjoni tiegħu, iżda li għalih id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizzah japplika fl-intier tiegħu dak l-acquis għadha ma daħlitx fis-seħħ;

(iii) il-fruntiera komuni ta' l-art bejn żewġ Stati Membri marbuta li japplikaw l-acquis ta' Schengen fl-intier tiegħu, skond l-Atti ta' l-Adeżjoni tagħhom, iżda li għalihom id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizzhom japplikaw fl-intier tiegħu dak l-acquis għadha ma daħlitx fis-seħħ;

(b) "żona tal-fruntiera" tfisser żona li, b'linja dritta, ma testendix aktar minn 30 kilometru mill-fruntiera. F'din iż-żona, id-distretti amministrattivi lokali li għandhom jiġu meqjusa bħala żona tal-fruntiera jistgħu jiġu speċifikati ulterjorment mill-Istati konċernati. Jekk parti minn tali distrett tkun tinsab aktar minn 30 kilometru mil-linja tal-fruntiera, iżda mhux aktar minn 35, għandha madanakollu titqies bħala parti miż-żona tal-fruntiera;

(c) "traffiku lokali tal-fruntiera" tfisser il-qsim regolari tal-fruntiera esterna ta' l-art ta' Stat Membru minn persuni residenti fiż-żona sabiex jissoġġornaw fiż-żona tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru għal perijodu ta' mhux aktar mil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(d) "ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu mid-dritt Komunitarju tal-moviment ħieles" tfisser:

(i) ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni u li jeżerċita jew teżerċita d-dritt tal-moviment ħieles li għalih jew għaliha tapplika d-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004[20];

(ii) ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, li bis-saħħa ta' ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u dawn il-pajjiżi, fuq in-naħa l-oħra, jgawdu d-drittijiet ta' moviment ħieles ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

(e) "residenti tal-fruntiera" tfisser ċittadini ta' pajjiżi terzi li ilhom residenti legalment fiż-żona tal-fruntiera ta' pajjiż ġar ta' Stat Membru għal mill-anqas sena, ħlief għall-kategoriji koperti taħt il-punt (d);

[20] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

(f) "viża" tfisser:

– għall-Istati Membri li jimplementaw bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen, il-viża stabbilita bl-Artikolu 8;

– Għall-Istati Membri li ma jimplimentawx fl-intier tiegħu l-acquis ta' Schengen, viża nazzjonali ta' soġġorn qasir, maħruġa skond il-proċeduri nazzjonali.

(g) "l-acquis ta' Schengen" tfisser l-acquis mfisser fl-Anness A tad-Deċizjoni tal-Kunsill 435/1999/EC[21];

(h) "il-Konvenzjoni ta' Schengen" tfisser il-Konvenzjoni li timplementa l-ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985.

# Kapitolu II
# Sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera

*Artikolu 4*
*Kundizzjonijiet tad-dħul*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, ir-residenti tal-fruntiera jistgħu jaqsmu l-fruntiera esterna ta' l-art ta' Stat Membru ġar għall-finijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera, dejjem jekk huma:

(a) ikollhom fil-pussess tagħhom dokument jew dokumenti validi, li jawtorizzawhom biex jagħmlu hekk, kif imsemmi fl-Artikolu 5;

(b) ikollhom fuqhom viża, jekk din tkun mitluba;

(c) jipproduċu, skond il-każ, dokumenti li jippruvaw l-istat tagħhom ta' residenti tal-fruntiera, l-eżistenza ta' raġunijiet leġittimi li jiġġustifikaw l-qsim frekwenti tal-fruntiera fuq il-bażi ta' traffiku lokali tal-fruntiera, bħal rabtiet familjari, motivi soċjali, kulturali jew ekonomiċi, kif ukoll, skond il-każ, il-pussess ta' mezzi biżżejjed ta' sussistenza fir-rigward ta' l-iskop tas-soġġorn tagħhom;

(d) ma jkunux persuni li fir-rigward tagħhom tkun inħarġet twissija għall-finijiet ta' ċaħda ta' dħul;

(e) ma jkunux meqjusa bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati Membri.

---

21 ĠU L 176, 10.7.1999, p.1

*Artikolu 5*
*Dokumenti*

Id-dokumenti li jawtorizzaw lir-residenti tal-fruntiera jaqsmu il-fruntiera esterna ta' l-art ta' Stat Membru ġar għall-iskopijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera għandhom ikunu:

(a) għar-residenti tal-fruntiera suġġetti għall-obbligu tal-viża skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001, passaport jew dokument validu ieħor li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntieri esterni kif imfissra fl-Artikolu 17(3)(a) tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

(b) għar-residenti tal-fruntiera li mhumiex soġġetti għall-obbligu tal-viża skond ir-Regolament Nru 539/2001:

(i) id-dokumenti msemmija fil-punt (a), jew

(ii) permess speċifiku ta' qsim tal-fruntiera, maħruġ mill-Istat ta' residenza u ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li tkun inqasmet il-fruntiera tiegħu.

*Artikolu 6*
*Soġġorn fiż-żona tal-fruntiera*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenti tal-fruntiera jistgħu jissoġġornaw fiż-żona tal-fruntiera ta' Stat Membru ġar sa sebat ijiem konsekuttivi. It-tul komplessiv taż-żjarat suċċessivi f'dak l-Istat Membru m'għandhomx jaqbżu t-tlett xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur.

Il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

*Artikolu 7*
*Timbri tad-dħul u l-ħruġ*

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu li jittimbraw id-dħul u l-ħruġ fuq id-dokumenti ta' l-ivjaġġar tar-residenti tal-fruntiera li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-art għall-iskop ta' traffiku lokali tal-fruntiera, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) id-detentur tad-dokument ta' l-ivjaġġar ma jkunx suġġett għall-obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001;

b) l-osservanza tal-limiti taż-żmien stipulat fl-Artikolu 6 tiġi żgurata b'kull mezz ieħor, li jrid jiġi speċifikat fil-ftehim bilaterali msemmija fl-Artikoli 14 sa 16.

# Kapitolu III
# Viżi maħruġa għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera

*Artikolu 8*
*Viżi maħruġa għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera*

1. Qed tiġi stabbilita viża speċifika li trid tinħareġ għar-residenti għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera.

2. Il-validità territorjali tal-viżi msemmija fil-paragrafu 1 maħruġa lir-residenti tal-fruntiera soġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 għandha tkun limitata għaż-żona tal-fruntiera ta' l-Istat Membru li joħroġha.

2. Il-viża msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintitola lid-detentur għal diversi qsim tal-fruntiera esterna ta' l-art ta' l-Istat Membru li joħroġha u għal soġġorn fiż-żona tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru sa sebat ijiem konsekuttivi.

It-tul totali taż-żjarat suċċessivi f'dak l-Istat Membru m'għandhomx jaqbżu t-tlett xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur.

*Artikolu 9*
*Format tal-viża*

Il-viżi msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jinħarġu bħala format uniformi (stiker) li tkun taqbel mar-regoli u ma' l-ispeċifikazzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1683/95[22] li jistipula format uniformi għall-viżi. Il-format uniformi maħruġ għal dan l-iskop għandu jkun fih l-ittra distintiva "L" taħt it-titolu 11 ("tip ta' viża").

*Artikolu 10*
*Kundizzjonijiet tal-ħruġ tal-viża*

1. Il-viżi msemmija fl-Artikolu 8 jistgħu jinħarġu għar-residenti tal-fruntiera illi:

(a) jippossjedu dokument validu li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntieri esterni kif imfissra fl-Artikolu 17(3)(a) tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

(b) jipproduċu, skond il-każ, dokumenti li jippruvaw l-istat tagħhom bħala residenti tal-fruntiera, l-eżistenza ta' raġunijiet leġittimi li jiġġustifikaw l-qsim frekwenti tal-fruntiera fuq il-bażi ta' traffiku lokali tal-fruntiera, bħal rabtiet familjari, motivi soċjali, kulturali jew ekonomiċi, kif ukoll, skond il-każ, il-pussess ta' mezzi biżżejjed ta' sussistenza fir-rigward ta' l-iskop tas-soġġorn tagħhom;

(c) ma jkunux persuni li fir-rigward tagħhom tkun inħarġet twissija għall-finijiet ta' ċaħda ta' dħul fis-SIS;

22 ĠU L 164, 14.7.1995, p.1

(d) ma jkunux meqjusa bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati Membri.

2. Il-viżi msemmija fl-Artikolu 8 m'għandhomx jinħarġu fil-fruntiera.

*Artikolu 11*
*Validità*

Il-viżi msemmija fl-Artikolu 8 għandhom ikunu validi għal perijodu minimu ta' sena u għal perijodu massimu ta' ħames snin.

*Artikolu 12*
*Spejjeż Amministrattivi*

1. It-tariffi li jikkorrispondu ma' l-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għall-viżi msemmija fl-Artikolu 8 għandhom ikunu daqs it-tariffi imposti fuq l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viżi ta' diversi dħul u soġġorni qosra li għandhom validità ekwivalenti.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membru jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu jew ineħħu t-tariffi li jikkorrispondu ma' l-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tal-viżi msemmija fl-Artikolu 8.

*Artikolu 13*
*Relazzjoni ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni*

Ħlief fejn dan ir-Regolament jistipula mod ieħor u bla preġudizzju għall-Artikolu 22, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi msemmija fl-Artikolu 8 għandhom ikunu regolati mill-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni[23].

# Kapitolu IV
# Implimentazzjoni tas-sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera

*Artikolu 14*
*Ftehim bejn Stati Membri u pajjiżi terzi*

1. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera, l-Istati Membri huma awtorizzati jikkonkludu ftehim ma' pajjiżi terzi ġirien skond ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu wkoll iżommu l-ftehim eżistenti ma' pajjiżi terzi konfinanti dwar traffiku lokali tal-fruntiera. Sakemm tali ftehim ma jkunux kompatibbli ma'

[23] ĠU L 310, 19.12.2003, p.1

dan ir-Regolament, l-Istati Membri konċernati għandhom jemendaw il-ftehim b'tali mod illi jeliminaw l-inkompatibbiltajiet stabbiliti.

2. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw il-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim ma' dan ir-Regolament qabel jikkonkludu jew jemendaw xi ftehim dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera ma' pajjiżi terzi ġirien.

Jekk il-Kummissjoni tqis il-ftehim inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, għandha tinnotifika lill-Istat Membru konċernat u għandha titolbu jemenda l-ftehim b'tali mod illi jelimina l-inkompatibbiltajiet stabbliti.

3. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni kopja tal-ftehim imsemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll dikjarazzjoni ta', jew l-emendi għal dawk il-ftehim.

*Artikolu 15*
*Reċiproċità*

Fil-ftehim tagħhom ma' pajjiżi terzi konfinanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-pajjiż terz jagħti trattament komparabbli liċ-ċittadini ta' l-Unjoni, kif ukoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, residenti legalment fiż-żona tal-fruntiera ta' Stat Membru u li jkunu jixtiequ jivjaġġaw lejn iż-żona tal-fruntiera ta' pajjiż terz.

*Artikolu 16*
*Ftehim bejn Stati Membri*

1. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 3(a), punti (ii) u (iii), huma awtorizzati sabiex jikkonkludu ftehim dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera bejniethom skond ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Dawk l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jisgħtu jżommu ftehim eżistenti dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera bejniethom, sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza t-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntiera fil-fruntieri komuni ta' bejniethom. Sakemm tali ftehim ma jkunux kompatibbli ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri konċernati għandhom jemendaw il-ftehim b'tali mod illi jeliminaw l-inkompatibbiltajiet stabbiliti.

3. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni kopja tal-ftehim imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, kif ukoll dikjarazzjoni ta', jew l-emendi għal, dawk il-ftehim.

*Artikolu 17*
*Faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntiera*

1. Dawn il-ftehim imsemmija fl-Artikoli 14 u 16 jista' jkun fihom dispożizzjonijiet għall-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntiera li bihom l-Istati Membri:

(a) jistabbilixxu punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera miftuħa biss għar-residenti tal-fruntiera;

(b) jirriservaw linji speċifiċi għar-residenti tal-fruntiera fil-punti ordinarji ta' qsim tal-fruntiera;

(c) fejn ikun hemm rekwiżit ta' natura speċjali, xħin tieħu in kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi lokali, jawtorizzaw lir-residenti tal-fruntiera li mhumiex suġġetti għall-obbligu tal-viża skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 biex jaqsmu l-fruntiera f'postijiet oħra li mhumiex postijiet awtorizzati ta' qsim, u barra l-ħinijiet stabbiliti.

2. Fejn Stat Membru jiddeċiedi sabiex jiffaċilita l-qsim tal-fruntiera għar-residenti tal-fruntiera skond il-paragrafu 1, tali faċilitajiet huma awtomatikament estiżi għal kull ċittadin ta' l-Unjoni, kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu d-dritt Komunitarju għall-moviment ħieles, inkluż dawk soġġetti għall-obbligu tal-viża, li joqgħodu fiż-żona tal-fruntiera.

3. B'deroga għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, fil-punti ta' qsim tal-fruntiera msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, kif ukoll fil-linji msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, persuni li jkunu magħrufa mill-gwardji tal-fruntiera minħabba li jaqsmu regolarment il-fruntiera għandhom ikunu suġġetti biss għal spezzjonijiet okkażjonali.

# Kapitolu V
# Dispożizzjonijiet Finali

*Artikolu 18*
*Ceuta u Melilla*

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jaffettwaw ir-regoli speċjali li japplikaw għall-ibliet ta' Ceuta u Melilla, kif imfissra fid-Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja dwar l-ibliet ta' Ceuta u Melilla fl-Att Finali tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja mal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985[24].

*Artikoli 19*
*Pieni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull użu ħażin tas-sistema ta' traffiku lokali tal-fruntiera, kif stabbilit b'dan ir-Regolament u kif implementat bil-ftehim bilaterali msemmija fl-Artikoli 14 u 16, għandhom ikunu soġġetti għall-penali kif stipulat fil-liġi nazzjonali.

Il-multi kollha stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' kanċellazzjoni jew revoka tal-permessi speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 5, kif ukoll tal-viżi maħruġa għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera.

---

[24] ĠU L 239, 22.9.2000, p.69

2. L-Istati Membri għandhom iżommu nota tal-persuni kollha li fuqhom jiġu mposti penali skond il-paragrafu 1. Din l-informazzjoni għandha tiġi mibgħuta, kull perijodu ta' sitt xhur, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 20*
*Rapport dwar l-implimentazzjoni tas-sistema*

Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ħidma u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta’ traffiku lokali tal-fruntiera, kif stabbilit mill-ftehim bilaterali konklużi fuq il-bażi ta’, u skond dan ir-Regolament, flimkien ma’ proposti leġislattivi xierqa, skond il-każ.

*Artikolu 21*
*Emendi għall-Konvenzjoni ta’ Schengen*

L-Artikolu 136(3) tal-Konvenzjoni ta’ Schengen qed jiġi mibdul b’dan li ġej:

“3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal ftehim dwar traffiku lokali tal-fruntiera, li għalih japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 14 tar-[Regolament Nru.....*dan ir-Regolament* ].”

*Artikolu 22*
*Emendi fl-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni*

L-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni qed jiġu emendati kif ġej:

1) Fil-punt 2 tal-parti I, qed jiddaħħal il-punt 2.3a li ġej:

“2.3a Viżi għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera

Fil-każ ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li spiss ikollhom bżonn jaqsmu l-fruntiera ta' Stat Membru ġar għall-finijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera, kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru [...]*, tista’ tinħareġ viża li l-validità territorjali tagħha tkun limitata għaż-żona tal-fruntiera ta’ l-Istat Membru li joħroġha. Tali viża tintitola lid-detentur għal diversi qsim tal-fruntiera ta’ l-Istat Membru li joħroġha, dejjem jekk it-tul tas-soġġorni konsekuttivi fiż-żona tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma jkunux jaqbżu t-tlett xhur f'perijodu ta' sitt xhur.

Skond ir-[Regolament (KE) Nru....*dan ir-Regolament*], tali viża għandu jkollha validità minima ta’ sena u validità massima ta’ ħames snin.

Il-viżi maħruġa għall-fini tat-traffiku lokali tal-fruntiera ma jistgħux jinħarġu fil-fruntiera.

---

*ĠU L....”

2) Fil-punt 1.4 tal-parti V, qed jiġi miżjud l-inċiż li ġej:

– “Dokumenti li jistgħu jintalbu qabel ma tinħareġ il-viża tat-tip “L”:

  – Ċertifikat li jixhed ir-residenza fiż-żona tal-fruntiera;

  – Kull dokument li jiġġustifika l-ħtieġa ta' qsim ta' sikwit tal-fruntiera għal finijiet ta' traffiku lokali tal-fruntiera bħal ċertifikati jew attestazzjonijiet li juru rabitiet familjari, dokumenti li juru propjeta lil hinn mill-fruntiera eċċ.”

3) Fil-punt 1.1 tal-Parti VI, l-aħħar inċiż qed jiġi mibdul b’dan li ġej: “il-validità territorjali limitata tista’ ma tapplikax għal biss parti mit-territorju ta’ [*Stat Membru*], ħlief fil-każ ta’ viżi tat-tip “L”, maħruġa għall-fini ta’ traffiku lokali tal-fruntiera”;

4) Il-punt 1.7 tal-Parti VI (TIP TA’ VIŻA *‘titolu’*) qed jiġi emendat kif ġej:

  – L-ewwel paragrafu qed jiġi mibdul b’dan li ġej:

  “Sabiex jitħaffu l-affarijiet għall-awtoritajiet tal-kontroll, dan it-titolu għandu jispeċifika t-tip ta’ viża billi juża l-ittri A, B, C ~~u~~, D u L kif ġej:”

  – Wara l-inċiż "D+C [...]”, jiddaħħal l-inċiż illi ġej:

  “L: Viża maħruġa għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera”

5) Fil-punt 4 tal-Parti VII, qed jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

“It-tariffi li jridu jiġu miżmuma skond l-ispejjeż amministrattivi għall-ħruġ tal-viżi għall-finijiet tat-traffiku lokali tal-fruntiera jistgħu jitnaqqsu jew jitneħħew, skond [ir-Regolament (KE) Nru....*dan ir-Regolament*].”

*Artikolu 23*

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jkun ġie ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

**ANNEX**
**COMMENTARY ON THE ARTICLES**

Article 1

This Article specifies the purpose of the Regulation, which is to establish a local border traffic regime at the external land borders of the Member States, and to authorise them to conclude or maintain bilateral agreements with neighbouring countries for that purpose.

In order to take into account the situation of those third countries subject to a visa obligation, a specific "L" visa is also established.

Article 2

This Article specifies that the Regulation does not aim at regulating and thus does not affect provisions regulating long-term stays, the exercise of an economic activity, and those related to customs and taxation matters.

Article 3

This Article defines the terms used in the proposal.

(a) The scope of the definition of 'external land borders' has already been explained under point 2 of the Explanatory Memorandum. This excludes the borders with those Member States who are not fully implementing, nor bound to implement in full, the Schengen acquis (i.e., the United Kingdom and Ireland).

(b) The maximum width of the border area (30 and, in justified cases, 35 kilometres) is the result of the discussions had within the Council on this issue, when examining the 2003 proposals.

(c) There is as yet no definition of 'local border traffic'. This definition is therefore derived from existing practice (i.e., bilateral agreements). Two elements seem essential to define 'local border traffic': the residence in the border area and the regular crossing of the border in order to stay, for a limited period, in the border area of the neighbouring country.

(d) This point defines those third country nationals enjoying the Community right to free movement, i.e.:

  – members of the family of Union citizens in those cases falling under the scope of Directive 2004/38/EC;

  – third country nationals, as well as members of their families, of those third countries which have concluded an agreement with the Community and its Member States on the right to free movement (currently, EEA countries and Switzerland).

(e) Two conditions are established in order to be considered as 'border resident': the actual residence in the border area, as defined above under (b), and a

minimum residence period of one year in that area. It shall be noted that this definition does not cover EU citizens and third-country nationals enjoying the Community right to free movement, as defined under point (d) (the reasons are given in point 2 of the Explanatory Memorandum).

(f) As regards the definition of 'visa', a distinction has been made between the Member States fully implementing the Schengen acquis (and thus issuing the uniform visa) and those not fully implementing the Schengen acquis. This distinction has been made because the latter do not apply the Schengen provisions on the uniform visa (including the Common Consular Instructions) and thus cannot issue the "L" visa until the date when the Council authorises them to fully implement the Schengen acquis.

(g) This point clarifies the scope of the "Schengen acquis".

(h) This point specifies what is meant by "Schengen Convention".

Article 4

The conditions listed in this Article for the entry of border residents are, to a great extent, those provided by Article 5(1) of the Schengen Implementing Convention (SIC). The differences concern the following elements:

- the documents valid for crossing the border (see below the commentary on Article 5);

- the need to prove, if necessary, the residence in the border area and the reasons for the frequent crossing of the border on grounds of local border traffic. The assessment of means of subsistence shall be linked to the purpose of stay.

It shall be noted that the reference to "threat to public health" has been introduced in order to ensure consistency with the proposal for a Council Regulation establishing a Community Code on the rules governing the movement of persons across borders (COM(2004)391 of 26.5.2004).

Article 5

Documents valid to cross the external land border of a Member State by a third country national are, generally speaking, a passport or an equivalent international travel document. In the framework of local border traffic, it is proposed to facilitate border crossing to *bona fide* border residents not requiring a visa by allowing them to cross the external land borders also on the basis of a specific border crossing permit, issued by the State of residence and countersigned by the competent authorities of the Member State whose border is crossed.

Article 6

The maximum duration of stay in the border area of a Member State for the purpose of local border traffic is fixed at seven consecutive days; this figure is inspired by the current practice (bilateral agreements). The maximum duration of the stay in the border area cannot exceed the general time-limit for a short stay, which is three months within any half-year period.

An extension of the above time-limits can be granted only in exceptional cases, such as for humanitarian reasons, illness, accidents etc.

Article 7

This Article derogates from the general obligation of affixing an entry and exit stamp on the travel documents of third country nationals. However, such derogation is only possible for border residents not subject to the visa obligation and provided that Member States are able to ensure by any other means (e.g., through electronic registers) the respect of time limits.

Article 8

This Article establishes the specific visa to be issued to border residents for the purpose of local border traffic ("L" visa) and defines its characteristics.

Article 9

The "L" visa will be issued in the same format (visa sticker) than other uniform visas, as laid down by Regulation No 1683/95 (as last amended by Regulation No 334/2002).

Article 10

The conditions for issuing the "L" visa are equivalent to the general entry conditions as laid down in Article 4 of this Regulation.

It is also specified that "L" visas cannot be issued at the border.

Article 11

This Article specifies the minimum and maximum validity of the "L" visa.

Article 12

This Article provides for the possibility of reducing or waiving the fees related to the issuing of the "L" visa.

Article 13

The provisions of the Common Consular Instructions shall apply to the issuing of the "L" visa, except for those aspects which are regulated differently in the present Regulation.

Article 14

This Article authorises Member States to maintain or conclude agreements with neighbouring third countries on local border traffic, provided that such agreements are compatible with the rules set out in the present Regulation. At the same time, Member States shall eliminate any incompatibility between existing agreements and the rules set in this Regulation.

In order to assess their compatibility with the present Regulation, such agreements, as well as their modification or denunciation, have to be transmitted to the Commission.

Article 15

The establishment of a local border traffic regime with a neighbouring third country aims at facilitating the crossing of the external land border of a Member State for *bona fide* third country nationals resident in the border area of that neighbouring country. This Article requests Member States to ensure that, at least, an equivalent treatment is reserved to both citizens of the Union and third country nationals, lawfully resident in their border areas, wishing to cross the border and stay in the border area of the neighbouring third country.

Article 16

A regime of local border traffic may also be established at the “temporary external borders” between Member States. The latter are therefore authorised to conclude bilateral agreements between them, provided that they are in compliance with this Regulation.

Article 17

This Article reflects, to a great extent, existing practices. In order to facilitate border crossing to border residents, Member States may, in their bilateral agreements implementing this Regulation, provide for the possibility of:

(a) setting up specific border crossing points open solely for border residents;

(b) reserving specific lanes to border residents;

(c) authorising border residents not subject to the visa obligation to cross the border outside authorised border crossing points and hours, but only where circumstances justify it (for instance, in case of a village situated across the border). It shall be noted that this possibility is already envisaged both in Article 3(1) of the Schengen Implementing Convention and in point 1.3, Part I, of the Common Manual.

The second paragraph automatically extends the above facilitation, whenever granted, to Union citizens residing in the border area, as well as to third country nationals enjoying the Community right to free movement. This provision is needed since they are otherwise excluded from the scope of this Regulation because they already enjoy, under Community law, specific rights related to free movement which, generally speaking, go beyond what is foreseen in the present proposal (for instance, as regards time-limits for stay, or entry conditions).

The third paragraph provides for a less systematic check to be carried out at the border crossing points and at the lanes reserved to border residents. This is justified by the fact that most of the persons crossing the border at those border crossing points/lanes are well known to the border guard, due to the fact that they cross that very same border crossing point every day or, in any case, very frequently. Thus,

such persons do not need to be checked every time they cross the border. A similar provision is also contained in the Common Manual (see point 1.3.5.3 of part II).

Article 18

This Article specifies that the border crossing regime currently applied in the Spanish towns of Ceuta and Mellilla is not affected by the present Regulation.

Article 19

This Article obliges Member States to impose penalties against any misuse of the local border traffic regime, as well as to keep record of persons sanctioned. Such information, to be transmitted to the other Member States and to the Commission, will be important in order to monitor the implementation of the regime (Article 20).

Article 20

After two years from the entry into force of this Regulation, an assessment of the implementation of the regime will be made by the Commission, which will have to report on it to the EP and the Council and, if necessary, propose the appropriate legislative adaptations.

Article 21

Article 136, paragraph 3 of the Schengen Implementing Convention – related to the information to be provided to other Member States when concluding bilateral agreements on local border traffic - is replaced by the provisions of Article 14 of this Regulation.

Article 22

This Article amends the Common Consular Instructions in order to introduce the new type of visa ("L") and specify its characteristics.

Article 23

Standard provision.